MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 717/2001/1

**John Pollacco**

**vs**

**Mary Debono, mart l-istess John Pollacco**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici datata 26 ta' April 2001 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fis-27 ta' Awissu 1978 fil-Knisja tas-Sacro Cuor, Sliema;

Illi huma kellhom zewgt itfal. Clive John (20) u Rachel (17);

Illi fit-30 ta’ Marzu 1999 il-kontendenti ffirmaw kuntratt ta’ separazzjoni personali;

Illi meta gie kkuntrattat dan iz-zwieg, il-konvenuta kienet qieghda tbati minn nuqqas ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga u minn anomalija psikologika serja li kienet taghmilha mpossibli ghaliha li tassumi l-obbligi matrimonjali;

Illi ghal dawn ir-ragunijiet iz-zwieg kontrattat bejniethom huwa null u bla effett;

Illi l-istess attur talab li din l-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet tas-27 ta’ Awissu 1978 fuq imsemmi hu null u nvalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici w il-lista tax-xhieda a fol. 3 u 4 tal-process.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat il-verbali datati l-1 ta’ Frar 2002, 2 ta’ Mejju 2002 u 23 ta’ Mejju 2002 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

Rat il-verbal tal-25 ta’ Gunju 2002 quddiem din il-Qorti kif presjeduta.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Mary Debono datata 22 ta’ Awissu 2002 a fol. 22, fejn eccipiet:-

1. Illi filwaqt li taqbel li z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti huwa null u bla effett, ma taqbilx li dan hu minhabba dak li gie lilha addebitat bic-citazzjoni premessa, kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni;

2. Illi ghalhekk hi m’ ghandhiex tbaghi ebda spejjez;

3. Illi salvi eccezzjonijiet ulterjuri jekk u meta jkun il-kaz.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda datati 22 ta' Awissu 2003, a fol 23 tal-process.

Rat il-verbal datat 11 ta' Dicembru 2002, fejn inghata digriet affidavit tal-partijiet b' terminu ta' 60 jum kull wiehed.

Rat il-verbal datat 10 ta' April 2003 fejn il-Qorti nnotat li d-digriet tal-11 ta' Dicembru 2002 ma giex osservat u tikkonferma l-istess digriet tal-affidavit tal-partijiet ghall-ahhar darba bit-terminu jibda jghaddi mid-data tal-verbal.

Rat in-nota tal-attur datata 2 ta' Gunju 2003, a fol. 27 tal-process li permezz taghha prezenta l-affidavit tieghu.

Rat in-nota tal-attur John Pollacco, datata 30 ta' Settembru 2003, a fol. 31 li permezz taghha prezenta l-affidavit ta' Andrea Lattughi u ta' Arthur Ebejer.

Rat il-verbal datat 1 ta' Ottubru 2003, fejn il-Qorti ordnat lill-konvenuta tipprezenta l-affidavit fi zmien 40 gurnata mid-data tal-verbal, dan anke peress li l-attur iddikjara li m' ghandux provi aktar.

Rat in-nota tal-konvenuta Mary Debono datata 29 ta' Ottubru 2003, a fol. 35 premezz taghha ezebitt l-affidavit taghha u hames ritratti.

Rat in-nota tal-konvenuta Mary Debono datata 5 ta' Novembru 2003, a fol. 45 tal-process li permezz taghha esibit l-affidavit ta' ommha Dolores Debono.

Rat in-nota tal-konvenuta Alison Agius datata 5 ta' Mejju 2004, a fol 62, li premezz taghha esebit l-affidavit ta' ohtha Kimberley Ann Abela.

Rat il-verbal datat 11 ta' Novembru 2003, fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-5 ta' Ottubru 2004.

Rat ir-rikors tal-attur John Pollacco datat 25 ta' Novembru 2003, fejn talab bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizzah jipprezenta affidavit iehor tieghu w affidavit ta' terza persuna, certu Brain Debono, li fih huwa jistqarr li kellu intimita' sesswali mal-konvenuta f'diversi okkazzjonijiet f' post li jigi vicin il-post tax-xoghol taghhom.

Rat id-digriet datat 27 ta' Novembru 2003, fejn il-Qorti cahdet it-talba *stante* li t-terminu tal-affidavit attrici ilu li gie konkluz.

Rat il-verbal datat 5 ta' Ottubru 2004 fejn il-kawza baqghat differita ghas-sentenza ghat-3 ta' Novembru 2004.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### i) PROVI PRODOTTI.

Rat l-affidavit tal-attur **John Pollacco** li gie prezentat permezz nota datata 2 ta' Gunju 2003 u jinsab minn fol. 28 sa fol. 30 tal-process. Permezz nota datata 30 ta' Settembru 2003 l-attur prezenta l-affidavit ta' **Andrea Lattughi** a fol. 32 u l-affidavit ta' **Arthur Ebejer** li jinsab a fol. 33 tal-process.

Rat tal-konvenuta **Mary Debono** li gie prezentat permezz ta' nota datata 29 ta' Ottubru 2003 u jinsab minn fol 36 sa fol 42 tal-process. Permezz ta' nota datata 5 ta' Novembru 2003, il-konvenuta prezentat l-affidavit ta' ommha **Dolores Debono**, tali affidavit jinsab minn fol 46 sa fol 50 tal-process.

### ii) PRINCIPJI LEGALI.

Illi l-attur talab li z-zwieg tieghu mal-konvenuta jigi dikjarat null u bla effett *ai termini* **tal-artikolu 19(1) (d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi l-**artikolu 19 (1) (d)** jghid:-

*“**(d)** jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg*”.

Illi dwar dan is-subartikolu din il-Qorti kif presjeduta diga’ kellha okkazjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenza **“Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg”** (Cit Nru 1564/97/RCP – deciza fil-21 ta’ Ottubru 1999) u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi fis-sentenza **“Kevin Spiteri vs Avukat Dr Renzo Porella-Flores et noe”** (Cit Nru 2443/97/RCP – deciza fit-18 ta’ Jannar 2000) il-Qorti ghamlet referenza ghall-espozizzjoni ta’ ***Viladrich*****:-**

*“Thus, there is grave lack [of discretion of judgement] when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgement refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring*" (***Viladrich, P.J.,*** **Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated** (Montreal, 1993), p. 686).

Illi kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma *“the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an*

*expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics"* (***Viladrich, P.J.,*** *op.cit.,* p. 687).

Illi din il-Qorti sejra tibda sabiex tikkonsidra l-azzjoni attrici abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d).** Illi din il-Qorti kellha diversi drabi okkazjoni sabiex tidhol fid-dettal fl-**artikoli 19 (1) (d)** li huwa l-mertu tal-kawza odjerna. Illi a skans ta' ripetizzjoni tirreferi ghas-sentenzi **"Ahmed Al Halel vs Karen Portelli"** (P.A. (RCP) 1 ta' Ottubru 2002 – Citaz. Numru: 134/00/RCP); **"Martin Farrugia vs Antionette Farrugia"** (P.A. (RCP) 12 ta' Dicembru 2002); **"Catherine Micallef vs Joseph Muscat"** (P.A. (RCP) 12 ta' Dicembru 2002); **"Louise Vella vs Louis Vella"** (P.A. (RCP) 27 ta' Novembru 2002); u **"Isabelle Muscat vs James Muscat"** (P.A. (RCP) 30 ta' Jannar 2003, u ghal sentenzi ohra fuq citati w abbazi tal-istess gurisprudenza w awturi hemm ikkwotati tasal ghall-konkluzjoni li z-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti kien vizzjat wkoll *ai termini* ta' l-**artikoli 19(1) (d)** minhabba ragunijiet imputabbli liz-zewg nahat.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Rosanne Cassar vs Kenneth Cassar"** (P.A. 19 t'Ottubru 1998) il-Qorti qalet hekk:-

*" …. Biex jista' jinghad li l-kunsens ikun ivvizjat bil-biza' fis-sens tal-ligi taghna, jehtieg li dik il-biza' tkun tali li mhux biss <u>akkompanjat</u> il-kunsens izda <u>ddeterminat kompletament l-ghoti ta' dak il-kunsens.</u> Fi kliem iehor il-biza' trid tkun, fil-kaz konkret, ta' certu portata b'mod li tkun tista' tiddetermina kompletament l-ghoti ta' dak il-kunsens. Il-kunsens matrimonjali jkun inghata <u>minhabba</u> l-biza' u mhux <u>minkejja</u> dik il-biza' ".* (sottolinear tal-Qorti).

**iii) <u>APPREZZAMENT TAL-PROVI.</u>**

Illi mil-provi prodotti jirrizulta li l-partijiet izzewgu fis-27 ta' Awissu 1978 wara li kellhom eghrusija ta' tlett snin, izda jidher li r-relazzjoni bejn il-partjiet kienet mill-ewwel difficli *stante* li kemm l-konvenuta u kemm l-attur kienu jbatu minn sintomi ta' dipressjoni serji, kemm qabel u kemm wara l-istess zwieg; fil-fatt l-affidavit tal-attur huwa rakkont kontinwu dwar id-diffikultajiet li l-istess konvenuta kellha maz-zmien, anke minhabba dan l-istat dipressiv taghha, manifestat bil-mod li kienet tirreagixxi anke fuq affarijiet pjuttost mhux ta' importanza, b'dan li jidher car li l-istess konvenuta kienet affetta b'anomalija psikologika li kienet taghmilha impossibbli ghaliha, anke jekk riedet, li tassumi l-obbligi matrimonjali, specjalment fil-konfront tal-attur. Illi diversi incidenti li jikkonfermaw dan gew illustrati mix-xhieda prodotta mill-attur fosthom dawk ta' Andrea Lattughi u  Arthur Ebejer.

Illi min-naha l-ohra jidher li l-attur ukoll kien ibati minn l-istess kondizzjoni ta' dipressjoni, li f'mumenti anke qabel iz-zwieg tant kienet serja li l-istess attur kellu jiehu kura taghha; jidher li l-istess attur kien affetwat mill-esperjenzi li kien ghadda minnnhom, u certament li r-relazzjoni tieghu mal-konvenuta ma ghenitx sabiex din il-kundizzjoni tmur ghall-ahjar, specjalement minhabba l-konflitti kontinwi li huma kellhom fuq l-ikbar haga sa' l-inqas haga.  Jidher li ma' dan kollu jrid jizdied ukoll li c-cirkostanzi li fihom kien qed jghix l-attur qabel iz-zwieg, fejn l-genituri tieghu kienu stretti mieghu, ma ghenux din is-sitwazzjoni.  Allura jidher car li l-attur ghalkemm konxju tad-diffikoltajiet li kellu mal-konvenuta, xorta insista ghaz-zwieg mal-istess.  Dan certament sar f'mument tal-hajja tieghu meta huwa ma' kellhux id-diskrezzjoni necessarja ta' gudizzju sabiex jaghmel ghazla verament libera ghal tali unjoni mal-konvenuta; il-hajja taghhom flimkien jidher li fil-fatt kienet wahda ta' kontrasti kontinwi, u ghalhekk anke f'dan il-kaz il-kunsens ta' l-attur ghandu jigi tenut li kien vizzjat u difettuz skond id-disposizzjonijiet ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**<u>III.   KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjoni tal-konvenuta, biss u inkwantu huma b'xi mod inkompatibbli ma' dak hawn premess u deciz, **tilqa' t-talba attrici** biss fis-sens hawn deciz, b'dan illi:-

1. Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet tas-27 ta' Awissu 1978 fuq imsemmi hu null u nvalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u dan *stante* li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------